**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 29 – 13 ta' Frar 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 29. Il-laqgħa bdiet fis-6.50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv *(Designate)* |
| Pubbliku: | Ħadd | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba, huwa talab li tinżamm minuta silenzju bħala turija ta' rispett għall-mewt tas-Sinjorina Filippa Attard.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti staqsa jekk kienx hemm korrezzjonijiet tal-minuti ta' Agenda 28. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 28 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti ġew approvati (129).

## 2. HWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għal punt 2.5 tal-minuti fejn huwa staqsa jekk kienx sar xi nnegozjar dwar it-tender tat-tizjin tal-Milied. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan il-kuntrattur ma kienx gie avvicinat.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said qal li reġa kien avviċinat mis-Sur Aronne Farrugia dwar l-iskips ta' Triq il-Mitħna. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dawn huma *waste seperation bins* li mhux qegħdin jintużaw tajjeb. Il-problema hi li qegħdin isiru diversi rapporti pero ħadd ma jkun irid jsemmi ismijiet u jaghti x-xhieda tiegħu. Il-Kunsillier George Cortis qal li għandu jigi studjat x'rimedji hemm. Wara suġġeriment tal-Kunsilliera Catherine Sammut sar qbil li għandha tintbgħat ittra rreġistrata lill-persuna li hija ssuspettata li qiegħda tiddisponi mill-iskart tagħha f'dan il-post, sabiex tinġibdilha l-attenzjoni li qiegħda tikser il-liġi.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għax-xoghol li qabel kien qed isir mill-*Works Manager*. Huwa żied jgħid li bħalissa dan ix-xogħol qed jitqassam mill-aħjar li jista' bejn Graziella Facciol, Josiette Zarb u Paula Valletta.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-laqgħa tal-Kunsill tgħaddi għall-stadju ta' kumitat, sabiex ikun jista jiġi diskuss il-*performance bonus* tas-Sur Philip Gatt. Il-laqgħa giet sospiża.

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li wara diskussjoni li saret fi stadju ta' kumitat, u wara li l-Kunsill talab direzzjoni mingħand id-Dipartiment dwar kemm għandu jingħata *performance bonus* is-Sur Philip Gatt, liema risposta li l-Kunsill kien ingħata kienet tgħid li ħaddiem li jkun sospiz huwa intitolat għall-*performance bonus* sa l-aħħar ġurnata ta' ħidma qabel is-sospensjoni tieghu, is-Sur Philip Gatt għandu jingħata 3% tas-salarju baziku tas-sena 2013 bħala *performance bonus*. Huwa gie ssekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b'mod unanimu. (130)

2.5. Dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku Alfred Grixti qal li l-ħatra ta' Paula M. Valletta għadha ma gietx approvata mill-Ministeru u għalhekk din il-laqgħa kien jeħtieg li jkun prezenti għaliha wkoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Cristopher Formosa.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand il-MEPA dwar l-iżvilupp li ser jsir fis-sit bl-indirizz 'Goodwyns', Triq Patri Pelaġju Mifsud, Ħaż-Żebbuġ, proprjeta' ta' Philip Attard. Tmiss ma' din il-proprjeta' hemm bicca art li r-residenti qegħdin jgħidu li hija pubblika liema għidut mhumiex minnhom. Din hija art privata proprjeta' ta' l-istess Philip Attard.

L-applikazzjoni qed tippropponi li ssir zona pedestrijana bejn Triq Patri Pelaġju Mifsud u Triq Ħal Sajd. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan isir. Madanakollu għandha ssir kjarifika mal-MEPA dwar jekk din iz-zona pedestrijana hux ser tkun aċċessibli għall-pubbliku u jekk hemmx xi ħinijiet partikolari x'ħin din tkun tista' tiġi milħuqa mill-pubbliku.

3.2 Il-Kunsillier Philip Said informa lis-Sindku u lill-membri l-oħra tal-Kunsill li s-Segretarjat tal-Kultura u Kunsilli Lokali u s-Segretarjat għall-Persuni b'Disabilita' nedew kompetizzjoni li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu fi proġetti li jżidu l-aċċessibilita' għall-persuni b'diżabilita'. Ġiet diskussa l-possibilita' li parti mill-*playground* tal-Ġnien tal-Grazzja jkun iddedikat għall-faċilitajiet li jistgħu jagħmlu użu minnhom in-nies b'diżabilita'. Ġie ssuġġeriet li ssir riċerka għal aktar informazzjoni mas-Segretarjati nvoluti.

3.3 Il-Kunsillier Philip Said kiteb sabiex ifakkar lill-Kunsill li din is-sena jaħbat il-250 Anniversarju mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għandu jigi nkarigat Dr. Massimo Ellul sabiex jistħarreġ kif il-Kunsill jista' jikkomemora dan l-anniversarju.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Ġie ssuġġeriet li dawk il-kuntratturi li ma jkunux għadhom bagħtu l-kontijiet tagħhom sa meta jkun ġie ppreparat il-vot tal-flus, l-ammonti approssimattivi ta' dawk il-kontijiet, għandhom jinżammu apparti.

4.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif imressqa. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-Vici Sindku Thomas Agius astjena milli japprova il-pagament li għandu jsir lil Chris Agius minħabba kunflitt ta' nteress.

Il-pagamenti ġew approvati (131).

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

5.1 Il-Kunsillier Philip Said ressaq ilment dwar xi ilmijiet li qegħdin jinġabru fi Vjal il-Ħelsien man-naħa ta' Brown's Pharmacy. Huwa qal li din il-problema għandha tigi diskussa mal-Perit tal-Kunsill sabiex il-problema ta' dawn l-ilmijiet tittaffa'.

5.2 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar il-proġett ta' kontra l-għargħar. Huwa qal li kien involut f'diskussjonijiet mas-Segretarjat u ċ-Chief of Staff tas-Segretarju Parlamentari Ian Borg, kif ukoll mal-Public Works. Wara li kien hemm l-għidut li l-proġett tal-mina ser jieqaf fejn il-kappella tal-Lunzjata, saru żewġ laqgħat li minnhom irriżulta li l-proġett tal-mina ser jiġi estiż sa Triq il-Mitħna. Il-Kunsill baqa' jinsisti li dan il-proġett għandu jibqa tiela sa' l-aħħar dar li tinsab fi Triq it-12 ta' Mejju. Minħabba li rriżżulta li taħt il-*culvert* ta' Triq il-Mitħna għaddejja ġiebja, il-problema tal-għargħar fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Kbira ser tissolva permezz ta' *culvert* ieħor li ser jarmi

dirett għal ġol-mina. Madanakollu għad irid joħrog sub-tender ieħor sabiex dan ix-xogħol ikun komplut.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għad-20 ta' Frar 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.55 pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Paula M. Valletta |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |